



**Komunikazzjoni Komuni dwar il-Prattika
Komuni tar-Raġunijiet Relattivi għal Rifjut –
Probabbiltà ta' Konfużjoni (Impatt ta'
komponenti mhux distintivi/dgħajfa)
2 ta' Ottubru 2014**

1. SFOND

L-uffiċċji tal-marki kummerċjali tal-Unjoni Ewropea fl-impenn tagħhom biex ikompli jikkollaboraw fil-kuntest tal-Programm ta' Konverġenza permezz tan-Netzwerk Ewropewtat-Trejdemarks u d-Disinni qablu dwar prattika komuni fir-rigward tal-impatt ta' komponenti mhux distintivi/dgħajfa tal-marki fl-eżaminazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni (raġunijiet relattivi). Il-prattika komuni hija mxerrda fil-pubbliku permezz ta' Komunikazzjoni Komuni bl-għan li żżid aktar it-trasparenza, iċ-ċertezza legali, u l-prevedibbiltà għall-benefiċċju tal-eżaminaturi u l-utenti bl-istess mod.

Is-suġġett ta' din il-Komunikazzjoni Komuni huwa l-konverġenza dwar l-approċċ rigward l-impatt ta' komponenti mhux distintivi/dgħajfa tal-marki inkwistjoni fuq il-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni.

2. IL-PRATTIKA KOMUNI

Il-prattika komuni hija definita u dettaljata fid-dokument tal-"Prinċipji tal-Prattika Komuni" (ara l-Anness 1 għal din il-Komunikazzjoni). Essenzjalment, il-prattika komuni tikkonsisti f'erba' objettivi:

Objettiv 1	<i>Jiddefinixxi liema marki jkunu suġġetti għal valutazzjoni tad-distintività: il-marka preċedenti (u/jew partijiet minnha) u/jew il-marka sussegwenti (u/jew partijiet minnha)</i>
Prattika Komuni	Meta tkun evalwata l-probabbiltà ta' konfużjoni: • Id-distintività tal-marka preċedenti kollha kemm hi tiġi vvalutata, filwaqt li jitqies li ċertu livell ta' distintività jeħtieġ li jiġi rikonossut. • Id-distintività tal-komponenti kollha tal-marka preċedenti u tal-marka sussegwenti tiġi wkoll ivvalutata, filwaqt li jiġu prijorizzati l-komponenti li jikkoinċidu.
Objettiv 2	<i>Jiddetermina l-kriterji li jivvalutaw id-distintività tal-marka (u/jew partijiet minnha)</i>
Prattika Komuni	• Meta tiġi vvalutata d-distintività tal-marki għal raġunijiet relattivi, għandhom japplikaw l-istess kriterji li jintużaw biex tkun determinata d-distintività fis-sens ta' raġunijiet assoluti. Madankollu, fir-raġunijiet relattivi, dawn il-kriterji ma jintużawx biss biex ikun determinat jekk jintlaħaqx limitu minimu ta' distintività iżda wkoll biex ikunu kkunsidrati l-grad varji tad-distintività.
Objettiv 3	<i>Jiddetermina l-impatt tal-probabbiltà ta' konfużjoni ("PTK") meta l-komponenti komuni jkollhom grad baxx ta' distintività</i>
Prattika Komuni	• Meta marki jikkondividu element bi grad baxx ta' distintività, il-valutazzjoni tal-PTK se tiffoka fuq l-impatt tal-komponenti li ma jikkoinċidux fuq l-impressjoni globali tal-marki. Jittieħed kont tas-similaritajiet/differenzi u d-distintività tal-komponenti li ma jikkoinċidux. • Koinċidenza f'element bi grad baxx ta' distintività normalment ma twassalx għal PTK weħidha. • Madankollu, jista' jkun hemm PTK jekk: ▪ il-komponenti l-oħra jkunu ta' grad iktar baxx (jew baxx indaqs) ta' distintività jew ikunu ta' impatt viżwali insinifikanti u l-impressjoni ġenerali tal-marki hija simili ▪ jew l-impressjoni ġenerali tal-marki tkun simili ħafna jew identika.

Eżempji*	L-EBDA PTK	PTK
	MORELUX vs. INLUX (Klassi 44: Trattamenti tas-sbuħija)	COSMEGLOW vs. COSMESHOW (Klassi 3: Kożmetiċi)
	 vs.  (Klassi 9: Karti ta' kreditu)	 vs.  (Klassi 43: Servizzi tal-akkomodazzjoni tal-vaganzi)

Objettiv 4	Jiddetermina l-impatt tal-probabbiltà ta' konfużjoni ("PTK") meta l-komponenti komuni ma jkollhomx distintività	
Prattika Komuni	- Meta marki jikkondividu komponent mingħajr distintività, il-valutazzjoni tal-PTK se tiffoka fuq l-impatt tal-komponenti li ma jikkoinċidux fuq l-impressjoni globali tal-marki. Jittieħed kont tas-similaritajiet/differenzi u d-distintività tal-komponenti li ma jikkoinċidux. - Koinċidenza biss fil-komponenti mhux distintivi ma twassalx għal PTK. - Meta l-marki jkun fihom ukoll elementi figurattivi u/jew verbali li jkunu simili, se jkun hemm PTK jekk l-impressjoni ġenerali tal-marki tkun simili ħafna jew identika.	
Eżempji*	L-EBDA PTK	PTK
	BUILDGRO vs. BUILDFLUX (Klassi 19: Materjali tal-bini Klassi 37: Servizzi tal-kostruzzjoni)	TRADENERGY vs. TRACENERGY (Klassi 9: Kolletturi tal-enerġija solari għall- ġenerazzjoni tal-elettriku)
	 vs.  (Klassi 36: Servizzi finanzjarji)	 vs.  (Klassi 9: Kolletturi tal-enerġija solari għall- ġenerazzjoni tal-elettriku)

* Aktar eżempji huma pprovduti fid-dokument tal-Prinċipji tal-Prattika Komuni (Anness 1)

2.1. ESKLUŻI MILL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI

Dawn li ġejjin huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prattika komuni:

- Il-valutazzjoni tad-distintività msaħħa u/jew distintività miksuba permezz ta' użu u/jew reputazzjoni: għall-iskop ta' din il-prattika komuni, jiġi assunt li m'hemmx evidenza u/jew talba u/jew għarfien preċedenti li kwalunkwe waħda mill-marki għandha reputazzjoni jew għandha distintività msaħħa miksuba permezz tal-użu.
- Ftehim dwar il-fatturi li jiġu kkunsidrati meta tkun ivvalutata l-probabbiltà ta' konfużjoni. Għalkemm hemm bosta fatturi li jista' jkollhom impatt fuq l-apprezzament globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, bħad-dominanza, il-grad ta' attenzjoni tal-pubbliku rilevanti, il-koeżistenza, is-sitwazzjoni tas-suq, il-familja tal-marki, eċċ., mhuwiex l-oġettiv tal-prattika komuni li tiddetermina liema huma dawn il-fatturi.
- Ftehim dwar l-interdipendenzi bejn il-valutazzjoni tad-distintività u l-fatturi l-oħra kollha li huma kkunsidrati meta tkun ivvalutata l-probabbiltà tal-konfużjoni. La l-kriterji għall-valutazzjoni ta' fatturi oħra li jista' jkollhom impatt fuq l-apprezzament globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, u lanqas l-interdipendenza bejniethom mhuma oġettiv ta' din il-prattika komuni, li ma tittrattax il-valutazzjoni ġenerali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, iżda waħda mill-partijiet essenzjali tagħha.
- Kwistjonijiet tal-lingwa: Għall-finijiet tal-prattika komuni, huwa kkunsidrat li marki li fihom elementi ta' kliem bl-ebda distintività (jew distintività baxxa) bl-Ingliż se jkunu kkunsidrati li m'għandhom l-ebda distintività (jew distintività baxxa) fil-lingwi kollha u li huma mifhuma mill-uffiċċji nazzjonali.

3. IMPLIMENTAZZJONI

Din il-prattika komuni se tkun implimentata fi żmien 3 xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din il-komunikazzjoni

L-uffiċċji ta' implimentazzjoni jistgħu jagħżlu li jippublikaw informazzjoni addizzjonali fuq il-websajts tagħhom.

Lista ta' uffiċċji ta' implimentazzjoni: AT, BG, BX, CY, CZ, DE, DK, EE, ES, FR, GR, HR, HU, IE, IS, LT, LV, MT, NO, UASI, PL, PT, RO, SE, SI, SK, TR, UK

4. ANNESS

I. CP5. RAĠUNIJIET RELATTIVI – PROBABBILTÀ TA' KONFUŻJONI (IMPATT TAL-ELEMENTI MHUX DISTINTIVI/DGĦAJFA): PRINĊIPJI TAL-PRATTIKA KOMUNI

Konverġenza

Prinċipji tal-prattika komuni
Programm ta' Konverġenza

CP 5. Raġunijiet Relattivi – Probabbiltà ta'
Konfużjoni
(Impatt ta' komponenti mhux distintivi/dgħajfa)

Indiċi

1. SFOND TAL-PROGRAMM	3
2. SFOND TAL-PROĠETT	3
3. OBJETTIV TA' DAN ID-DOKUMENT	5
4. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROĠETT	5
5. IL-PRATTIKA KOMUNI	7
5.1. Valutazzjoni tad-distintività: il-marka preċedenti u/jew partijiet minnha, u/jew il-marka sussegwenti u/jew partijiet minnha (Objettiv 1).....	7
5.2. Il-kriterji għall-valutazzjoni tad-distintività tal-marka (u/jew partijiet minnha)(Objettiv 2).....	8
5.3. L-impatt tal-probabbiltà ta' konfużjoni meta l-komponenti komuni jkollhom grad baxx ta' distintività (Objettiv 3).	9
5.4. L-impatt fuq il-probabbiltà ta' konfużjoni meta l-komponenti komuni ma jkollhomx distintività (Objettiv 4).	10

1. SFOND TAL-PROGRAMM

Minkejja t-tkabbir fl-attività globali tat-trejdmarks u d-disinni fis-snin reċenti, l-isforzi biex tinkiseb konverġenza fil-mod kif joperaw l-uffiċċji madwar id-dinja taw biss riżultati modesti. Fl-Ewropa għad baqa' triq twila biex ikunu eliminati l-inkonsistenzi fost l-uffiċċji tal-PI tal-UE. Il-Pjan Strateġiku tal-UASI jidentifika dan bħala wieħed mill-isfidi ewlenin li għandhom jiġu indirizzati.

Minħabba f'hekk il-Programm ta' Konverġenza ġie stabbilit f'Ġunju tal-2011. Dan jirrifletti d-determinazzjoni kondiviża tal-uffiċċji nazzjonali, l-UASI u l-utenti, biex jersqu lejn era ġdida fost l-uffiċċji tal-PI tal-UE bil-ħolqien progressiv ta' netwerk Ewropew interoperabbli u kollaborattiv li jikkontribwixxi għal ambjent ta' PI aktar b'saħħtu fl-Ewropa.

Il-viżjoni ta' dan il-Programm hija ***“Li jistabbilixxi u jikkomunika ċ-ċarezza, iċ-ċertezza legali, il-kwalità u l-użabbiltà kemm għall-applikant kif ukoll għall-uffiċċju.”*** Dan l-għan se jintlaħaq b'ħidma flimkien sabiex jiġu armonizzati l-prattiċi u jiġbu benefiċċji konsiderevoli kemm għall-utenti kif ukoll għall-Uffiċċji tal-PI.

Fl-ewwel mewġa tnedew il-ħames proġetti li ġejjin taħt il-kappa tal-Programm ta' Konverġenza:

- CP 1. Armonizzazzjoni tal-Klassifikazzjoni
- CP 2. Konverġenza tal-Intestaturi tal-Klassijiet
- CP 3. Raġunijiet Assoluti – Marki Figurattivi
- CP 4. Kamp ta' Applikazzjoni tal-Protezzjoni tal-Marki f'Abjad u Iswed
- CP 5. Raġunijiet Relattivi – Probabbiltà ta' Konfużjoni

Dan id-dokument jiffoka fuq il-prattika komuni tal-ħames proġetti: CP 5. Raġunijiet Relattivi – Probabbiltà ta' Konfużjoni

2. SFOND TAL-PROĠETT

Fil-mument tal-bidu tal-proġett, kien hemm diviżjoni bejn l-UASI, il-BOIP u l-uffiċċji nazzjonali rigward l-interpretazzjonijiet differenti dwar il-valutazzjoni u l-konsegwenzi tat-trattament ta'

komponenti mhux distintivi/dgħajfa tal-marki fl-eżaminazzjoni tar-raġunijiet relattivi għal rifjut (probabbiltà ta' konfużjoni).

B'mod partikolari kien kemm prattiċi u interpretazzjonijiet differenti rigward x'importanza, jekk hemm, għandha tingħata lill-fatt li marka preċedenti u marka sussegwenti, li jkopru prodotti u/jew servizzi identiċi, jikkoinċidu f'komponent li m'għandux distintività (jew għandu distintività baxxa). Dawn il-prattiċi u l-interpretazzjonijiet differenti wasslu għal riżultati differenti fil-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni minkejja li l-fatti tal-każ kienu l-istess (il-marki u l-prodotti u s-servizzi rilevanti inkwistjoni).

Differenzi bħal dawn wasslu għal imprevedibbiltà u inċertezza legali fl-eżaminazzjoni tar-raġunijiet relattivi. Konsegwentement, l-uffiċċji ħassew il-bżonn ta' armonizzazzjoni u kkunsidraw li prattika komuni tkun ta' benefiċċju għall-utenti u għalihom infushom.

L-għan ta' dan il-proġett huwa li **jikkonverġu l-approċċ dwar l-impatt ta' komponenti mhux distintivi/dgħajfa tal-marki inkwistjoni, li għandu jiġi kkunsidrat għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni.**

Hemm erba' riżultati ewlenin f'dan il-proġett, kull wieħed minnhom jindirizza kwistjoni differenti:

- 1) **Prattika komuni li tinkludi approċċ komuni** li għandha tiġi stabbilita f'dokument u tradotta fil-lingwi kollha tal-UE.
- 2) **Strateġija tal-komunikazzjoni** komuni għal din il-prattika.
- 3) **Pjan ta' azzjoni li jimplimenta** l-prattika komuni.
- 4) **Analiżi tal-bżonnijiet** li tiġi indirizzata l-**prattika ta' qabel**.

Dawn ir-riżultati tal-proġett huma maħluqa u miftiehma mill-uffiċċji nazzjonali u l-UASI b'kunsiderazzjoni tal-kummenti tal-assoċjazzjonijiet tal-utenti.

Id-dokument attwali huwa l-ewwel riżultat minn erbgħa.

L-ewwel laqgħa tal-grupp ta' ħidma saret fi Frar tal-2012 f'Alicante biex ikunu determinati l-linji ġenerali ta' azzjoni, il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett u l-metodoloġija tal-proġett. Saru laqgħat sussegwenti f'Ottubru tal-2012, Ġunju tal-2013 u Ottubru tal-2013 li matulhom l-oġġettivi tal-proġett ġew diskussi bir-reqqa mill-Grupp tal-Pakkett tax-Xogħol, u kien intlaħaq qbil dwar il-prinċipji tal-prattika komuni. Barra minnhekk, saru diversi preżentazzjonijiet dwar il-proġett waqt il-laqgħa ta' Kollegament u l-laqgħa tal-ABBC.

3. OĠĠETTIV TA' DAN ID-DOKUMENT

Dan id-dokument huwa r-referenza għall-uffiċċji tal-PI, għall-assoċjazzjonijiet tal-utenti, għall-applikanti, għall-opponenti u għar-rappreżentanti tal-prattika komuni fir-rigward ta' komponenti mhux distintivi/dgħajfa tal-marki għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni, jekk jiġi assunt li l-prodotti u/jew servizzi huma identiċi. Dan se jkun disponibbli b'mod wiesa' u se jkun faċilment aċċessibbli, dment li tiġi pprovduta **spjegazzjoni ċara u komprensiva tal-prinċipji li fuqhom se tkun ibbażata l-prattika komuni**. Dawn il-prinċipji se jkunu applikati b'mod ġenerali, u huma mmirati biex ikopru l-parti l-kbira tal-każijiet. Minħabba li l-probabbiltà ta' konfużjoni għandha tiġi vvalutata fuq bażi ta' każ b'każ, il-prinċipji komuni jservu bħala gwida sabiex jiġi żgurat li uffiċċji differenti jaslu għal konklużjoni simili u prevedibbli meta l-istess marki u raġunijiet ikunu involuti.

4. IL-KAMP TA' APPLIKAZZJONI TAL-PROĠETT

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett jaqra:

*“Dan il-proġett se jikkonverġi l-prattika rigward **komponenti mhux distintivi/dgħajfa tal-marki għall-finijiet tal-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni (PTK)**, jekk wiehied jassumi li l-prodotti u/jew servizzi huma identiċi. B'mod partikolari l-proġett għandu:*

- *Jiddefinixxi **liema marki huma suġġetti għal valutazzjoni tad-distintività: il-marka preċedenti (u/jew partijiet minnha) u/jew il-marka sussegwenti (u/jew partijiet minnha);***
- *Jiddetermina **l-kriterji għall-valutazzjoni tad-distintività tal-marka (u/jew partijiet minnha);***
- *Jiddetermina **l-impatt fuq il-PTK meta l-komponenti komuni jkollhom grad baxx ta' distintività***
- *Jiddetermina **l-impatt fuq il-PTK meta l-komponenti komuni ma jkollhomx distintività.**”*

Il-ħdax il-premessa tad-Direttiva 2008/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trejdmarks (id-“Direttiva”), tiddikjara li l-apprezzament tal-probabbiltà ta' konfużjoni jiddipendi minn ħafna elementi u, kif affermat ripetutament mill-każistika, għandu jiġi apprezzat **globalment**,

b'kunsiderazzjoni tal-fatturi kollha rilevanti għaċ-ċirkostanzi tal-każ (eż. ara, Sentenzi C-251/95 'Sabel' paragrafu 22 u C-342/97, 'Lloyd Schuhfabrik Meyer', paragrafu 18).

Fis-Sentenza C-251/95, 'Sabel', il-Qorti tiddikjara li:

“evalwazzjoni globali tas-similarità viżwali, tas-smigħ jew kunċettwali tal-marki inkwistjoni, għandha tkun ibbażata fuq l-impressjoni ġenerali mogħtija mill-marki, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-komponenti distintivi u dominanti tagħhom.”


Kif diġà ssemma, il-proġett janalizza **l-impatt tal-komponenti mhux distintivi/dgħajfa** tal-marki inkwistjoni bħala wieħed mill-fatturi li għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni.

Għalkemm **hemm bosta fatturi** li jista' jkollhom impatt fuq **l-apprezzament globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni**, bħall-komponenti dominanti, il-grad ta' attenzjoni tal-pubbliku rilevanti, il-koeżistenza, is-sitwazzjoni tas-suq, il-familja tal-marki, eċċ., mhuwiex l-oġġettiv ta' dan il-proġett li jiddetermina liema huma l-fatturi kollha, u lanqas il-kriterji għall-valutazzjoni tagħhom, u lanqas l-interdipendenza ta' bejniethom. Konsegwentement, il-proġett ma jitrattax il-valutazzjoni ġenerali tal-probabbiltà ta' konfużjoni, iżda ma' waħda mill-partijiet essenzjali tagħha.

Dawn li ġejjin huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett:

- *Il-valutazzjoni tad-distintività msabha u/jew distintività miksba permezz ta' użu u/jew reputazzjoni: għall-finijiet ta' dan il-proġett, jiġi assunt li m'hemmx evidenza u/jew talba u/jew għarfien preċedenti li kwalunkwe waħda mill-marki għandha reputazzjoni jew għandha distintività msabha miksba permezz tal-użu.*
- *Qbil dwar il-fatturi li jiġu kkunsidrati meta tiġi vvalutata l-probabbiltà ta' konfużjoni.*
- *Qbil dwar l-interdipendenza bejn il-valutazzjoni tad-distintività u l-fatturi l-oħra kollha li huma kkunsidrati meta tiġi vvalutata l-probabbiltà ta' konfużjoni.*
- *Kwistjonijiet tal-lingwa: Għall-finijiet tal-proġett, huwa kkunsidrat li marki li fihom elementi ta' kliem bl-ebda distintività (jew distintività baxxa) bl-Ingliż se jkun u kkunsidrati li m'għandhom l-ebda distintività (jew distintività baxxa) fil-lingwi kollha u li huma misfuma mill-uffiċċji nazzjonali.*

Huwa possibbli li jiġu identifikati erba' objettivi differenti, kif irrappreżentati fil-figura li ġejja:



Diversi approċċi huma segwiti għall-eżaminazzjoni tal-probabbiltà ta' konfużjoni, fejn id-distintività tal-komponenti tista' tiġi vvalutata fi stadji differenti. Irrispettivament mill-approċċ imwettaq, ir-riżultat prattiku rigward l-impatt tal-komponenti mhux distintivi/dgħajfa tal-marki inkwistjoni mhux sejġi affettwat.

5. IL-PRATTIKA KOMUNI

5.1. Valutazzjoni tad-distintività: il-marka preċedenti u/jew partijiet minnha, u/jew il-marka sussegwenti u/jew partijiet minnha (Objettiv 1)

Meta tkun evalwata l-probabbiltà ta' konfużjoni:

- Id-distintività tal-marka preċedenti totali tiġi vvalutata.
- Id-distintività tal-komponenti kollha tal-marka **preċedenti** u tal-marka **sussegwenti** tiġi wkoll ivvalutata, filwaqt li jiġu priorittizzati l-komponenti li jikkoinċidu.

Madankollu, meta tiġi vvalutata d-distintività tal-marka preċedenti totali, għandu jittieħed kont tal-fatt li skont is-Sentenza tal-Qorti C-196/11P, *F1-LIVE*, meta tiġi vvalutata l-probabbiltà ta' konfużjoni il-validità tal-marki reġistrati preċedenti ma tistax tiġi ddubitata (paragrafu 40). Għalhekk, “huwa meħtieġ li **jkun rikonoxxut ċertu grad ta' distintività** ta' marka nazzjonali preċedenti li fuqha bbażata oppożizzjoni kontra r-reġistrazzjoni ta' marka kummerċjali Komunitarja.” (paragrafu 47).

5.2. Il-kriterji għall-valutazzjoni tad-distintività tal-marka (u/jew partijiet minnha)(Obbettiv 2)

Fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jinsabu kemm fl-Artikoli 4(1)(b) kif ukoll 5(1)(b) tad-Direttiva, il Qorti fis-Sentenza tagħha C-342/97, *Lloyd Schuhfabrik Meyer*, tiddikjara li:

“meta jkun stabbilit il-**karattru distintiv ta' marka** u, għaldaqstant, fil-valutazzjoni ta' jekk hix distintiva ħafna, il-qorti nazzjonali għandha tagħmel valutazzjoni ġenerali tal-kapaċità akbar jew inqas tal-marka biex tidentifika l-prodotti u s-servizzi li ġiet irreġistrata għalihom bħala li ġejjin minn impriża partikolari, u b'hekk biex tiddistingwi daww il-prodotti jew servizzi minn daww ta' impriżi oħrajn” (paragrafu 22).

Għaldaqstant, u minħabba l-kapaċità inqas ta' marka dgħajfa li taqdi l-funzjoni essenzjali tagħha fis-suq, il-kamp ta' applikazzjoni tagħha ta' protezzjoni wara li jiġi kkunsidrat li ma fihiex komponenti distintivi jew fiha komponenti distintivi baxxi għandu jkun ristrett.

Meta tiġi vvalutata d-distintività tal-marki bir-raġunijiet relattivi, għandhom japplikaw l-istess kriterji li jintużaw biex tkun determinata d-distintività fis-sens ta' raġunijiet assoluti. Madankollu, fir-raġunijiet relattivi dawn il-kriterji mhux użati biss biex ikun determinat jekk jintlaħaqx limitu minimu ta' distintività iżda wkoll biex ikunu kkunsidrati l-grad varji tad-distintività.

5.3. L-impatt tal-probabbiltà ta' konfużjoni meta l-komponenti komuni jkollhom grad baxx ta' distintività (Objettiv 3).

- Meta marki jikkondividu element b'distintività baxxa, il-valutazzjoni tal-PTK se tiffoka fuq l-impatt tal-komponenti li ma jikkoinċidux fuq l-impressjoni globali tal-marki. Se jittieħed kont tas-similaritajiet/differenzi u d-distintività tal-komponenti li ma jikkoinċidux.
- Koinċidenza f'element bi grad baxx ta' distintività normalment ma twassalx għal PTK weħidha.

Madankollu, jista' jkun hemm PTK jekk:

- Il-komponenti l-oħra jkunu ta' grad iktar baxx (jew baxx indaqs) ta' distintività jew ikunu ta' impatt viżwali insinifikanti u l-impressjoni ġenerali tal-marki hija simili.

JEW

- L-impressjoni ġenerali tal-marki tkun simili ħafna jew identika.

Eżempji:

* Għall-finijiet ta' dan il-proġett, il-fatturi l-oħra kollha li jistgħu jkunu rilevanti għall-apprezzament globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni huma meqjusa li ma jaffettwawx ir-riżultat. Barra minnhekk, huwa kkunsidrat li l-prodotti u s-servizzi huma identiċi.

F'dawn l-eżempji kollha, il-komponent(i) komuni huwa/huma kkunsidrat/i li għandu/għandhom grad baxx ta' distintività.

Marka preċedenti	Marka kkontestata	Prodotti/servizzi	Riżultat
MORELUX	INLUX	Klassi 44: Trattament tas-sbuħija	L-EBDA PTK
DURALUX	VITALUX	Klassi 44: Trattament tas-sbuħija	L-EBDA PTK
		Klassi 32: Meraq tal-frott	L-EBDA PTK
		Klassi 9: Karti ta' kreditu	L-EBDA PTK

	 JUICE SUN	Klassi 32: Meraq tal-frott	L-EBDA PTK
	 Red Lion	Klassi 30: Te	L-EBDA PTK
		Klassi 9: Karti ta' kreditu	L-EBDA PTK
COSMEGLOW	COSMESHOW	Klassi 3: Kożmetiċi	PTK
		Klassi 11: Friġġis	PTK
		Klassi 43: Servizzi tal-akkomodazzjoni tal-vaganzi	PTK

5.4. L-impatt fuq il-probabbiltà ta' konfużjoni meta l-komponenti komuni ma jkollhomx distintività (Objettiv 4).

- Meta marki jikkondividu komponent mingħajr distintività, il-valutazzjoni tal-PTK għandha tiffoka fuq l-impatt tal-komponenti li ma jikkoinċidux fuq l-impressjoni globali tal-marki. Se jittieħed kont tas-similaritajiet/differenzi u d-distintività tal-komponenti li ma jikkoinċidux.
- Koinċidenza biss fil-komponenti mhux distintivi **ma twassalx għal PTK.**
- Meta l-marki jkun fihom ukoll elementi figurattivi u/jew verbali li huma simili, **għandu jkun hemm PTK,** jekk l-impressjoni ġenerali tal-marki tkun simili ħafna jew identika.

Eżempji:

* Għall-finijiet ta' dan il-proġett, il-fatturi l-oħra kollha li jistgħu jkunu rilevanti għall-apprezzament globali tal-probabbiltà ta' konfużjoni huma meqjusa li ma jaffettwawx ir-riżultat. Barra minnhekk, huwa kkunsidrat li l-prodotti u s-servizzi huma identiċi.

F'dawn l-eżempji kollha, il-komponent(i) komuni huwa/huma kkunsidrat/i li m'għandux/m'għandhomx distintività.

Marka preċedenti	Marka kkontestata	Prodotti/servizzi	Riżultat
GREENGRO	GREENFLUX	Klassi 19: Materjali tal-bini Klassi 37: Servizzi tal-kostruzzjoni	L-EBDA PTK
BUILDGRO	BUILDFLUX	Klassi 19: Materjali tal-bini Klassi 37: Servizzi tal-kostruzzjoni	L-EBDA PTK
	SMARTPHONES.NET	Klassi 9: Mowbajls	L-EBDA PTK
		Klassi 36: Servizzi finanzjarji	L-EBDA PTK
		Klassi 29: Ħut	L-EBDA PTK
CRE-ART	PRE-ART	Klassi 41: Servizzi ta' gallerija tal-arti	PTK
TRADEENERGY	TRACENERGY	Klassi 9: Kolletturi tal-enerġija solari għall-ġenerazzjoni tal-elettriku	PTK
		Klassi 9: Kolletturi tal-enerġija solari għall-ġenerazzjoni tal-elettriku	PTK

www.tmdn.org

Konverġenza



Office for Harmonization in the Internal Market

Avenida de Europa 4,
E-03008 Alicante, Spain
Tel +34 96 513 9100
Fax +34 96 513 1344
information@oami.europa.eu
www.oami.europa.eu